MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 17/2011/1

**Il-Pulizija**

**v.**

**Dr. Melvyn Mifsud**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell ad istanza ta' Dr. Melvyn Mifsud minn sentenza mogħtija fit-30 ta' Mejju 2012 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li ddisponiet minn riferenza kostituzzjonali li saritilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-6 ta' April 2011 fil-kawża **Il-Pulizija v. Melvyn**

**Mifsud** billi ddeċidiet li ma ġiex pruvat illi naqas xi notament tax-xhud Charles Cassar mill-atti kriminali hekk kif allegat mill-akkużat u kwindi ma hemmx lok li l-Qorti tinvestiga allegat ksur ta’ drittijiet kostituzzjonali tal-akkużat Melvyn Mifsud u ordnat li l-atti jerġgħu jiġu ritornati lura lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Kriminali biex il-proċeduri jitkomplew in linea ma’ dak deċiż u li kopja tas-sentenza tiġi inserita fl-istess atti.

*L-ordni ta’ riferenza*

**2.** Ir-riferenza lill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali strettament tikkonsisti fid-dikjarazzjoni lakonika għall-aħħar fis-sens li:

“Il-Qorti tilqa’ t-talba u għalhekk tissopprasjedi pendenti eżitu mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili”.

**3.** Naturalment, minn dan ma jifhem xejn f’hix tikkonsisti l-kwistjoni referuta lill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili u għalhekk sabiex tiftihem aħjar il-kwistjoni riferuta din il-Qorti ser tirriproduci l-verbal sħiħ tas-seduta tal-Qorti tal-Maġistrati tas-6 ta’ April 2011 li fiha saret ir-riferenza. Il-verbal jgħid hekk:

“Meta ssejhet il-kawza deher l-imputat;

“Dr. Melvyn Mifsud jirrileva illi permezz ta' ittra talab li jharrek ir-Registratur tal-Qrati sabiex jipproduci notamenti prodotti mix-xhud Cassar fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2001;

“F'dan l-istadju deher Dr. Tonna Lowell;

“Il-Qorti hija tal-fehma li r-Registratur tal-Qrati jista' jesebixxi dawk id-dokumenti li jinsabu in atti izda f'dan ilkaz id-dokument mitlub ghal xi raguni mhuwiex in atti u linkartament ta' din il-kawza dejjem inzamm fis-sigrieta talawla kif preseduta u dan skond il-ligi ghalhekk it-talba li jidher ir Registratur tal-Qrati m'hi ser twassal ghal ebda konkluzzjoni dwar dan il-punt;

"Dr. Melvyn Mifsud in vizta tal-premess qieghed jirrileva illi d-dritt tieghu sancit bl artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-art. 39 tal-Kostituzzjoni qed jigi lez jew x'aktarx qieghed jigi lez u ghaldaqstant qieghed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirreferi l-kwistjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali;

"Il-prosekuzzjoni tirrimetti ruhha;

"Il-Qorti tilqa' t-talba u ghalhekk tissoprasedi pendenti ezitu mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili;

"Kawza differita Sine Die;"

*Ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili*

**3.** B'risposta tat-13 ta' Ġunju 2011 għar-riferenza kostituzzjonali l-Kummissarju tal-Pulizija wieġeb b'diversi sottomissjonijiet li jistgħu jiġu riassunti kif gej:

1. li t-talba ta' Dr. Melvyn Mifsud hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu;

2. fil-każ odjern ma hemm ebda *"determination of a civil right and obligation"*;

3. id-dokumenti li għalihom jirreferi Dr. Melvyn Mifsud qatt ma kienu ġew esebiti fil-proċess u fi kwalunkwe każ meħud in kunsiderazzjoni l-assjem tal-provi ma humiex ta' xi portata tali li jista' b'xi mod jippreġudika l-pożizzjoni tal-akkużat;

**Is-sentenza appellata**

**4.** B'sentenza tat-30 ta' Mejju 2012 il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), għar-raġunijiet premessi fis-sentenza, ddisponiet mir-riferenza kostituzzjonali billi ddeċidiet li ma ġiex ippruvat illi naqas xi notament tax-xhud Charles Cassar mill-atti kriminali hekk

kif allegat mill-akkużat u kwindi ma hemmx lok li l-Qorti tinvestiga allegat ksur ta' drittijiet Kostituzzjonali tal-akkużat Melvyn Mifsud u ordnat li l-atti jerġgħu jiġu ritornati lura lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Kriminali biex il-proċeduri jitkomplew in linea ma' dak deċiż u li kopja tas-sentenza tiġi inserita fl-istess atti.

**5.** Wara li għamlet rassenja tal-fatti tal-kawża u tad-diversi tappi proċedurali li wasslu għar-riferenza li saritilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin – li ser jiġu hawn riprodotti għall-aħjar intendiment ta' din is-sentenza - u li wassluha għad-deċiżjoni tagħha:

"Il-vertenza mressqa bhala referenza hi jekk giex lez id-dritt fundamentali ghal smigh xieraq lil akkuzat billi l-istess Melvyn Mifsud qed jitlob li jigu prodotti mir-Registratur tal-Qorti notamenti tax-xhud Charles Cassar prodotti fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2001 li ma jirrizultawx in atti. Il-Qorti apparti li ghamlet ir-referenza sostniet illi l-inkartament tal-kawza dejjem inzamm fis-sigrieta tal-awla u ghalhekk is-sejha tar-Registratur tal-Qorti ma setghax ikollha ezitu pozittiv.

"Din il-Qorti tqis illi l-Qorti tal-Magistrati ma tatx wisq importanza ghal fatti u giet indotta tezercita d-diskrezzjoni taghha favur referenza Kostituzzjonali bla ma qieset l-ewwel l-allegazzjoni.

"Allegazzjoni ta' ksur ta' dritt fundamentali quddiem Qorti li ma hix munita bil-gurisdizzjoni li tisma' tali lanjanza trid l-ewwel u qabel kollox taccerta ruhha illi l-fatt lanjat hu suxxettibbli ghal referenza. Altrimenti ikun wisq konvenjenti ghal min irid itawwal il-proceduri kriminali li jissenjala ksur ta' dritt fundamentali bla ma jispecifika u jikkonvinci li hemm fatt jew fattur li ta' lok ghal dan l-allegat ksur. Mhux kompitu tal-Qorti Kriminali li tinvestiga l-ksur izda trid taccerta ruhha li dak riferut lil Qorti Civili fil-funzjoni taghha Kostituzzjonali hu marbut mal-proceduri migjuba quddiemha.

“F’dan il-kaz qed jigi allegat fatt li hu l-bazi tal-allegat ksur Kostituzzjonali. Dan jikkonsisti, skond l-akkuzat, minn notamenti li fuqhom strah ix-xhud Charles Cassar fid-depozizzjoni tieghu tat-2 ta’ Lulju 2001 quddiem il-Qorti Civili, notamenti ma jirrizultawx fl-atti ghalkemm esebiti. Din il-Qorti qed taghmilha cara illi l-Qorti Kriminali ma ghandhiex tidhol fil-mertu tal-allegat ksur izda trid, qabel ma taghmel ir-referenza tqis li t-talba hi msejsa fuq il-fatt accertat u akkurat mill-atti.

“Harsa lejn l-atti processwali li twalu ghal diversi snin, u bhala provi wiehed ma jsib kwazi xejn, jirrizulta illi Charles Cassar iddepona fit-2 ta’ Lulju 2001 u hu minnu li t-traskrizzjoni tax-xiehda turi li esebixxa ittra u notamenti (fol. 52 sa 59 tal-process). L-ittri jinsabu jsegwu d-depozizzjoni pero ma hemmx notamenti, ghalkemm hemm notamenti kontenenti minuti ta’ file governattiv xi pagni lura mid-depozizzjoni (fol. 43 tal-process) minghajr ebda referenza f’verbal tal-Qorti dwarhom.

“Jirrizulta aktar il-quddiem meta l-istess Charles Cassar esebixxa l-file kollu tad-dipartiment tax-xoghol koncernanti l-akkuzat fit-18 ta’ Jananr 2010 illi dan in-notament imsemmi aktar il-fuq (fol. 43 tal-process) hu wiehed minn bosta li jinsabu fil-file esebit. Kwindi hu accertat illi d-dokument a fol. 43 jappartjeni lil file rigwardanti l-akkuzat li hu ffirmat (ghalkemm hi biss il-kopja li giet esebita) mill-istess Charles Cassar.

“Hu minnu li x-xiehda ta’ Charles Cassar fit-2 ta’ Lulju 2001 tirreferi ghal notamenti u mhux dokument b’notamenti pero jirrizulta illi fil-25 ta’ Frar 2002 hemm dikjarat fil-verbal tal-Qorti illi Charles Cassar ikkonferma li meta ta x-xhieda tieghu (fit-2 ta’ Lulju 2001) hu esebixxa n-nota li xehed fuqha u ma kellu ebda nota ohra. Hu minnu li hemm verbal tal-akkuzat u digriet tal-Qorti li mhux cari in segwitu ghal din id-dikjarazzjoni, pero fis-seduta tat-18 ta’ Jannar 2010 meta Charles Cassar ipprezenta kopja tal-file dipartimentali qal li ma kellu xejn x’izid.

“Hu l-persuna li qed tallega l-ksur li trid tipprova illi l-ksur hu l-konsegwenza ta’ xi nuqqas, liema nuqqas wassal jew

jista’ jwassal ghal ksur ta’ dritt fundamentali tieghu cioe dak ta’ smigh xieraq.

“Fl-affidavit tieghu Melvyn Mifsud jirreferi ghal dawn in-notamenti bhala notamenti li minnhom kien qed jaqra x-xhud Charles Cassar u jiddeponi fuqhom. Hu zied li x-xhud kien riluttanti jesebihom pero gie ordnat jesebihom mill-Qorti. Hu kellu l-opportunita li jezamina dawn in-notamenti dak il-hin u jirritornahom lid-deputat registratur tal-Magistrat. Dawn in-notamenti kienu jsostnu eccezzjoni ta’ preskrizzjoni li hu ghamel fil-proceduri kriminali.

“Meta xehdet Marie Fleur Gauci, id-deputat registratur qalet li ma tafx kif kienu d-dokumenti u ma tiftakarhomx. Pero tiftakar li x-xhud jirreferi ghal xi notamenti. Ziedet li jidher li gew esebiti waqt ix-xhieda u tiftakar li gew f’idejha u ghaddiethom lill-akkuzat pero ma tafx gewx lura.

“Hu principju li quod non est in actis non est in mundo. Melvyn Mifsud qed jallega li gew prezentati notamenti pero ghalkemm jirrizulta li x-xhud Charles Cassar ipprezenta notamenti, l-unici notamenti huma dawk riportati a fol. 43 tal-process li ma jirreferux ghal ebda xhud iehor jew xiehda ohra hlief dik li nghatat fit-2 ta’ Lulju 2001. Ghalhekk hu probabbli illi n-notamenti li hemm referenza ghalihom fix-xiehda ta’ Charles Cassar huma dawk erronjament inseriti f’folio hazin tal-process.

“Ma hemm ebda indikazzjoni, ordni jew verbal tal-Qorti li ezistew xi dokumenti jew notamenti ohra li kienu f’idejn ix-xhud Charles Cassar u li gew inseriti fil-process u sussegwentement jew mitlufa. L-istess Charles Cassar fix-xiehda tieghu tal-25 ta’ Frar 2002 iddikjara li esebixxa n-nota li xehed fuqha meta xehed fit-2 ta’ Lulju 2001.

“F’dan il-kaz hemm dubbju serju dwar liema dokument qed jigi allegat li hu nieqes mill-process u li dwaru qed jigi allegat ksur ta’ dritt fundamentali. Hu minnu li jkun aktar idoneju li l-Qorti tivverbalizza meta jigu esebiti dokumenti seduta stante pero f’dan il-kaz ma gie verbalizzat xejn oltre li x-xhud esebixxa n-notamenti, u illi l-istess xhud f’seduta sussegwenti jirreferi ghal nota wahda li xehed

fuqha u esebixxa, liema nota tidher, in mankanza ta’ prova aqwa, hi dik riportata a fol. 43 tal-process.

“Del resto l-akkuzat kellu kull opportunita, in vista tal-eccezzjoni tieghu tal preskrizzjoni, jaffaccja lix-xhud meta hu kellu f’idejh l-imsemmi notament li jissustanzja l-eccezzjoni tieghu pero jidher li ma ghazilx din it-triq. Kellu wkoll kull opportunita meta xehed Charles Cassar sabiex jeskludi bix-xiehda ta’ Charles Cassar stess illi n-notament a fol. 43 tal-process ma kienx dak li irriferi ghalih ix-xhud bhala n-notament li xehed minnu.

“Ma jistax ghalhekk il-konvenut [akkuzat] minghajr ma jissostanzja l-fatt car u univoku li qed jallega bhala l-bazi ghall-azzjoni isostni l-ezistenza tieghu meta tali ezistenza ma gietx pruvata, almenu bil-mod kif jixtieqha hu.
“Din il-Qorti ma tistax tinvestiga ebda allegat ksur ibbazat biss fuq il-possibilta ta’ ezistenza ta’ dokument kontenenti dati pertinenti ghal eccezzjoni tal-akkuzat fil-proceduri kriminali meta mkien ma gie ppruvat li gie mqieghed fl-atti processwali tali dokument u ghal xi raguni intilef, specjalment meta dawn l-atti dejjem kienu maghluqa fis-sigrieta tal-awla u fejn allura l-possibilta ta’ telf ta’ dokumentazzjoni hi minimizzata.

“Minghajr din il-prova ma jezisti ebda allegat ksur tad-drittijiet.”

**L-appell tal-avukat Dottor Melvyn Mifsud**

**6.** Bir-rikors tiegħu tal-11 ta’ Ġunju 2013 ir-rikorrent appellanti għar-raġunijiet premessi fl-isess rikors talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u mħassra u li din il-Qorti tgħaddi biex tilqa’ l-ilment imressaq minnu fir-riferenza li saret mill-Qorti tal-Maġistrati u tgħaddi sabiex tiddikjara li bit-telf tad-dokumenti msemmija minnu huwa qiegħed isofri jew sejjer isofri nuqqas ta’ smigħ xieraq kif protett taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tgħaddi sabiex tagħtih dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa sabiex tiżgura t-twettieq favur tiegħu tad-drittijiet fundamentali kontemplati fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-

Drittijiet fundamentali u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem (Kapitolu 310 tal-Liġijiet ta' Malta).

**7.** L-aggravji tal-appellant avukat Dottor Melvyn Mifsud jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

1. Safejn tista' tifhem dan l-aggravju tal-appellant kif spjegat fir-rikors tal-appell, l-appellant jidher li qiegħed isostni li notamenti importanti li fuqhom straħ ix-xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu, u li ġew minnu esebiti fil-kors tal-istess proċeduri, ma nstabux fl-inkartament tal-proċeduri u billi dawn in-notamenti kienu l-aħjar prova l-prinċipju proċedurali li jirrikjedi l-aħjar prova ma jistax jgħodd aktar bil-konsegwenza li ser jiġi espost għad-diskrezzjoni tal-Qorti meta tiġi biex tivvaluta l-provi meta kieku kienu jinsabu l-istess notamenti l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni msemmi kien ikun wieħed differenti.

2. Dwar ġewx esebiti jew le n-notamenti li l-appellant jagħmel riferenza għalihom l-appellant isostni li l-konklużjoni li għaliha waslet l-ewwel Qorti li mill-atti ma jirriżultax li ġew esebiti l-istess kienet żbaljata għaliex minn verbal fl-atti relevanti jirriżulta li x-xhud, Charles Cassar, kien effettivament esebixxa l-istess in-notamenti li xehed fuqhom u li ma kellu ebda noti oħra; isostni wkoll li ma kellux jiġi skartat l-affidavit tiegħu, speċjalment meta dan, skont hu, ma kienx kontestat mill-intimat.

3. L-ewwel Qorti aġixxiet *ultra vires* u 'l barra mir-rwol u kompitu tagħha meta l-ewwel Qorti ma llimitatx ruħha filli tgħid kienx ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq il-fatt li dokumenti li jkunu ġew esebiti fil-proċess jiġu nieqsa mhux tort tiegħu iżda tort tal-amministrazzjoni tal-Qorti u minflok għaddiet biex tispekula x'seta ġara jew jekk in-notamenti kienux xi ħaġa oħra.

4. L-ewwel Qorti ma tistax tassumi poteri li ma jispettawx lilha billi tissurroga lilha nnifisha fid-drittijiet, il-funzjonijiet u l-poteri tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali meta kienet dik il-Qorti li kienet *best placed and best suited* biex tevalwa l-provi

sabiex tagħmel apprezzament tagħhom filwaqt li l-ewwel Qorti kellha biss il-kompitu li tevalwa n-nuqqas tad-dokument in attis jikkostitwixxix vjolazzjoni jew le tad-dritt għal smigħ xieraq u jekk issib vjolazzjoni tagħti rimedju.

**Ir-risposta tal-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija**

**8.** Ghall-appell tal-avukat Dottor Melvyn Mifsud il-Kummissarju tal-Pulizija wieġeb billi ssottometta li għar-raġunijiet minnu miġjuba fir-risposta tiegħu l-istess appell kellu jiġi miċħud u s-sentenza appellata tiġi konfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant. Ir-raġunijiet miġjuba fir-risposta tal-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

1. In-notamenti li għalihom jirreferi l-appellant ma kienu nieqsa xejn iżda kienu biss ġew spustati fl-atti u l-ewwel Qorti hi korretta meta tgħid li n-notamenti mitlufa huma fil-fatt il-minuta li tinsab a fol. 43 li kienet ġiet spustata minn fejn suppost kellu jkun mal-ittri a fol. 51 jew 60.

2. L-appellant qatt ma pprova l-eżistenza ta’ xi dokument li kien prova aqwa minn dawk li jirriżultaw esebiti in atti;

3. L-appellant kellu kull opportunita` jirrinfaċċja lix-xhud bid-dokument li kellu f’idejh li kien jissustanzja l-eċċezzjoni tiegħu iżda għażel li dan ma jagħmlux;

4. Inkwantu għall-aggravju tal-appellant li l-ewwel Qorti marrret *ultra vires* fis-sentenza tagħha, il-Qorti fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha ma hix marbuta bit-talbiet kif formulati mill-partijiet iżda tista’ timraħ hi stess u teżamina mill-assjem kollu tal-fatti kienx hemm, hemmx jew hux ser ikun hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali;

5. Anki jekk il-Qorti tasal għall-konklużjoni li d-dokument inkwistjoni huwa effettivament nieqes mill-proċess dan, fil-kuntest tat-assjem tal-proċeduri, ma jilledix id-dritt għal smigħ xieraq u f’dan ir-rigward saret

riferenza għas-sottomissjonijiet bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija quddiem l-ewwel Qorti.

**Fatti li taw lok għall-kwistjoni**

**9.** Il-fatti saljenti li taw lok għar-riferenza lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili huma s-segwenti.

**10.** Ir-rikorrent Melvyn Mifsud ġie imputat fuq talba tad-Dipartiment tax-Xogħol talli naqas li jħallas il-paga u *bonus* lil *ex*-impjegat tiegħu għax-xhur ta' Novembru u Diċembru 1996.

**11.** Fil-kors tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura kriminali ġie prodott mill-prosekuzzjoni x-xhud Charles Cassar mid-Dipartiment tax-Xogħol. Fit-2 ta' Lulju 2001 dan ix-xhud xehed għall-ewwel darba u fi tmiem ix-xhieda tiegħu xehed li kien qiegħed jeżebixxi l-ittri li kien irrefera għalihom fil-kors tax-xhieda tiegħu kif ukoll in-notamenti li xehed minn fuqhom. Fil-kors tax-xhieda tiegħu huwa għamel riferenza għal ittra ffirmata minnu għad-Direttur tax-Xogħol lil Dr. Melvyn Mifsud tas-6 ta' Mejju 1997, oħra wkoll firmata minnu għad-Direttur tax-Xogħol lil Dr. Melvyn Mifsud tas-26 ta' Mejju 1997 u ittra minn Dr. Melvyn Mifsud tat-28 ta' Mejju 1997 lid-Direttur tax-Xogħol. In atti jirriżultaw esebiti l-ittra tas-6 ta' Mejju 1997 li fiha id-dettalji ta' kif ġie komputat l-ammont ta' arretrati konsistenti f'salarju, *bonus*, *allowances* u kontribuzzjonijiet ta' assigurazzjoni nazzjonali pretiżi mingħand l-imsemmi Dr. Mifsud; l-ittra tas-26 ta' Mejju 1997 mid-Dipartiment lil Dr. Mifsud, l-ittra tat-28 ta' Mejju 1997 minn Dr. Mifsud lid-Dipartiment; kopji li jidhru li huma ta' minuti miktubin bl-idejn ġo *file* li fihom riferenza għal inkontru li sar fit-13 ta' Ottubru 1997 bejn Dr. Mifsud u s-sur Charles Cassar li għalih saret ukoll riferenza fid-depożizzjoni tax-xhud Charles Cassar tat-2 ta' Lulju 2001.

**12.** Dak li jirriżulta fl-ittri u n-noti tal-minuti msemmija, għalhekk, jikkombaċċjaw mal-kontenut kollu tad-depożizzjoni msemmija tax-xhud Charles Cassar. Din ix-xhieda u ittri jinsabu a fol. 52 sa 59 tal-proċess waqt li l-

kopji tal-minuti msemmija jinsabu a fol. 43 tal-proċess. Fuq il-kopja tal-minuti msemmija hemm ukoll id-dati ta' numru ta' differimenti tal-kawża quddiem bl-aħħar data hija d-data tas-seduta tat-2 ta' Lulju 2001, data li fiha xehed Charles Cassar.

**13.** Fil-25 ta' Frar 2002 (ara verbali a fol. 64 tal-proċess) jirriżulta li xehed in kontro-eżami x-xhud Charles Cassar u fil-kors ta' dan l-istess Charles Cassar iddikjara fuq domanda ta' Dr. Mifsud illi meta ta d-depożizzjoni tiegħu esebixxa n-nota li xehed fuqha u ma kellu ebda noti oħra. Intalbet is-sospenzjoni tad-depożizzjoni tax-xhud iżda din ġiet miċħuda. Isegwi verbal ta' Melvyn Mifsud fejn l-istess Melvyn Mifsud jagħmel diversi allegazzjonijiet b'riferenza ghal dak li jsejjaħ notamenti miktubin minn idejn Charles Cassar u jirreferi wkoll għal xi "kalkoli" li allegatament kien għamel l-istess Cassar kif ukoll għal xi *workings* manwali li kienu ġew distrutti u jkompli jallega li x-xhud kien qed jikkontradixxi lilu nnifsu jitlob li x-xhieda ta' Cassar tiġi sospiża. Fi tmiem il-verbal jirriżulta li l-kawża ġiet differita fuq talba tad-difiża.

**14.** Wara dik id-data jirriżultaw differimenti kaġonati min-nuqqas ta' notifika tal-imputat Mifsud minkejja d-diversi tentattivi li saru sabiex jiġi notifikat, f'okkażżjoni minnhom b'mhux inqas minn tmien tentattivi f'xahar wieħed, fost oħrajn, bl-imputat Mifsud jibqa' ma jweġibx lill-Pulizija (fol. 84) u addirittura jirrifjuta kontra l-liġi li jiġi notifikat personalment tant li l-Pulizija kienet kostretta titlob l-arrest tiegħu (fol. 81). Din is-sitwazzjoni pperdurat ruħha għal diversi snin bl-imputat ma jistax jiġi notifikat jew ma jidhirx meta notifikat b'tentattivi fjakki għall-aħħar da parti tal-Pulizija u tal-Qorti sabiex jassiguraw il-preżenza tal-imputat għall-kawża.

**15.** Il-kwistjoni reġgħet tqajmet ħames snin wara s-seduta msemmija tal-25 ta' Frar 2002 u ċioe` fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2007 fejn Melvyn Mifsud talab l-inġunzjoni ta' Charles Cassar biex jipproduċi kull dokument anki bil-miktub u jixhed dwar il-*file* tad-dipartiment.

**16.** Fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2010 (fol. 160 tal-proċess) Charles Cassar ippreżenta fil-Qorti kopja tal-*file*

tad-dipartiment bil-minuti kollha u ddikjara li ma kellu xejn x'iżid (fol. 136 sa 159 tal-proċess). Fost id-dokumenti a fol. 138 kien hemm ukoll kopja tal-istess paġna li tinsab esebita a fol. 43 tal-proċess imsemmija aktar 'il fuq.

**17.** Fis-17 ta' Settembru 2010 sar rikors minn Melvyn Mifsud li bih, b'referenza għax-xhieda ta' Charles Cassar tat-2 ta' Lulju 2001, talab lill-Qorti tramite r-Reġistratur sabiex jiġu esebiti n-notamenti personali ta' Charles Cassar mitluba minnu ċioe` allegati workings personali tiegħu u dan biex jiġi salvagwardat id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.

**18.** Wara dan saret ir-riferenza kostituzzjonali.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**19.** Għal darb'oħra din il-Qorti ssib ruħha f'pożizzjoni li jkollha tiddeplora l-mod għal kollox skars u kważi leġġer ta' kif saret din ir-riferenza kostituzzjonali b'nuqqas assolut ta' osservanza tar-rekwiżiti formali bażiċi stabbiliti mir-regolamenti. Il-Qrati, inkluża din il-Qorti, ġja` rrimarkaw dwar dan f'aktar minn okkażżjoni waħda[1] iżda jidher li l-Qrati riferenti jissokktaw, bħalma ġara f'dan il-każ, filli ma jottemprawx ma' dak previst fir-regolamenti u r-rakkomandazzjonijiet ta' din il-Qorti fir-rigward. Iżda f'dan il-każ tant il-ġestjoni tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tħalli x'jiġi desiderat li din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tiddilunga ruħha fuq il-forma tar-riferenza għalkemm għal darb'oħra tinsisti fuq l-osservanza tar-regolamenti rigward kif isiru tali riferenzi ta' kwistjonijiet kostituzzjonali[2] u fuq ir-rakkomandazzjonijiet u senjalazzjonijiet ripetuti ta' din il-Qorti fuq din il-materja.

**20.** Il-Qorti hija mmeraviljata bil-mod kif ir-rikorrent, imputat fil-proċeduri kriminali, tħalla mill-Pulizija u mill-Qorti japproprija ruħu mill-ġestjoni tal-proċeduri b'mod li tħalla jiddetta l-andament tagħhom u addirittura jiddirotta l-

[1] Ara, fost oħrajn, **Il-Pulizija v. Belin sive Benigno Saliba**, Qorti Kostituzzjonali, 10/04/1991; **Il-Pulizija v. Lawrence Cuschieri**, Qorti Kostituzzjonali, 8/01/1992; **Il-Pulizija v. Longinu Aquilina**, Qorti Kostituzzjonali, 23/01/1992
[2] AL 279/2008

istess proċeduri b'tentattivi għal kollox ineffikaċi da parti tal-pulizija u tal-Qorti tal-Maġistrati sabiex ir-rikorrent jissottometti ruħu għall-ġustizzja skont il-liġi.

**21.** Din il-Qorti rriproduċiet fid-dettal il-fatti li minnhom skattat ir-riferenza kostituzzjonali odjerna wara eżami akkurat tal-atti tal-kawża għaliex minnhom waħedhom għandu jirriżulta manifest dak premess u l-intempestivita` pależi tat-talba tar-rikorrent għal din ir-riferenza u l-konsegwenzjali frivolita` u vessatorjeta` tal-istess talba.

*It-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji tal-appellant*

**22.** Qabel tindirizza l-ewwel aggravju tal-appellant il-Qorti ser tikkonsidra l-aħħar tliet aggravji tiegħu, u cioe` mit-tieni sar-raba' aggravju, peress li dawn huma aspetti diversi ta' aggravju uniku u cioe` li l-ewwel Qorti ma kellhiex is-setgħa tindaga jekk kienux effettivament ġew esebiti xi notamenti bil-miktub mix-xhud Charles Cassar oltre d-dokumenti li jirriżultaw esebiti.

**23.** Din il-pretenzjoni tar-rikorrent hi għal kollox assurda u insostenibbli. L-appellant jippretendi li huwa jipprovoka riferenza kostituzzjonali bażata fuq premessa ta' fatt li jekk ma jirriżultax tikkrolla l-pretenzjoni kollha tiegħu ta' vjolazzjoni għad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq iżda imbagħad jippretendi li l-Qorti Kostituzzjonali li lilha ssir ir-riferenza ma għandhiex teżamina jekk il-fatt premess hux fondat jew le. Diffiċilment din il-Qorti tista' tirrinfaċċja sottomissjoni iżjed assurda minn hekk. Fil-fatt li l-qorti ta' kompetenza kostituzzjonali teżamina giex pruvat il-fatt presuppost fl-allegazzjoni ta' vjolazzjoni ta' dritt fundamentali ma hemm ebda użurpazzjoni ta' ebda setgħa ta' ħaddiehor iżda jikkostitwixxi l-espletar tar-rwol proprju tal-kompetenza kostituzzjonali li ma hix vestita fil-qrati kompetenti sabiex jintilfu f'eżerċizzji ta' natura akkademika jew spekulattiva iżda sabiex jippronunzjaw ruħhom fuq fatti konkreti u pruvati. Għalkemm huwa minnu li l-Qorti riferenti kellha hi fl-ewwel lok teżamina akkuratament u mhux sempliċement superfiċjalment u każwalment, il-fondatezza tal-fatt presuppost sabiex tkun tista' tiddetermina l-kwistjoni sollevata kinitx waħda frivola

jew vessatorja dan ma jfissirx li dan l-eżerċizzju ma tistax tagħmlu l-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali li, anzi, fiċ-ċirkostanzi għandha d-dover li tagħmlu hi. Fil-każ odjern din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li r-rikorrent ma rnexxilux jipprova l-fatt minnu allegat u cioe` li apparti d-dokumenti li jirriżultaw mill-atti kien hemm xi dokument ieħor konsistenti f'xi tip ta' notamenti oħra miktuba mix-xhud Charles Cassar li kienu ġew esebiti mix-xhud Cassar quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u li wara ġew nieqsa.

**24.** It-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji tal-appellant qiegħdin għalhekk jiġu respinti.

*L-ewwel aggravju*

**25.** Fil-każ odjern, iżda - u f'dan l-istadju qiegħed jiġi indirizzat l-ewwel aggravju tal-appellant - jirriżulta wkoll element ieħor li kien jimmilita kontra li ssir ir-riferenza odjerna u kontra li din il-Qorti tiddikjara kienx hemm xi vjolazzjoni tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq jew li x'aktarx ser tavvera ruħha tali vjolazzjoni. Hija l-ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti u tal-organi ta' Strasburgu li l-eżami jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq irid isir billi jittieħed qis tal-proċedimenti kollha fl-assjem tagħhom u li għalhekk dan l-eżerċizzju, fil-prinċipju, huwa indikat li jsir biss fi tmiem il-proċedimenti u mhux qabel[3]. Dan hu ugwalment applikabbli meta din il-Qorti jkollha tikkunsidra jekk x'aktarx tkunx ser isseħħ tali vjolazzjoni. Huwa minnu li kemm din il-Qorti kif ukoll l-organi ta' Strasburgu kkonċedew li in linea eċċezzjonali xi fattur partikolari tal-proċeduri jista' jkun tant determinanti għad-dritt għal smigħ xieraq li ma jkunx meħtieġ li l-Qorti tistenna sa tmiem il-proċeduri sabiex tiddeċiedi jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt inkwistjoni[4] iżda dan ma hux il-każ li għandha l-Qorti quddiemha llum.

**26.** Fil-każ tal-lum anki kieku kien minnu li naqsu xi notamenti bil-miktub li kienu xi darba jifformaw parti mill-atti - ħaġa li, kif ingħad, ma tirriżultax pruvata f'dawn il-

[3] Ara *inter alia* Q Kost **David sive David Norbert Schembri v. Avukat Generali**, 25 Marzu 2011; **Repubblika ta' Malta v. Carmel Camilleri**, 22 Frar 2013
[4] Ara *inter alia* **Repubblika ta' Malta v. Carmel Camilleri**, *ibid.*

proċeduri mill-appellant fil-grad li trid il-liġi - il-Qorti ta' kompetenza kriminali tkun għad trid tevalwa r-relevanza ta' dik il-kitba allegatament nieqsa tenut kont tal-fatt li l-appellant jallega li jeħtieġ dik il-prova sabiex isostni l-eċċezzjoni tiegħu tal-preskrizzjoni filwaqt li l-prosekuzzjoni ssostni li r-reat li bih huwa akkużat l-appellant huwa wieħed ta' natura permanenti u li bħala konsegwenza jġib miegħu il-fatt li t-terminu preskrittiv anqas biss jibda jiddekorri sakemm jibqa' jissusisti l-fatt projbit mil-liġi u cioe` fil-każ *de quo* n-nuqqas tal-pagament tal-ammonti allegatament dovuti lill-avukat Dr. Carmelo Grima; il-Qorti riferenti jista' jeħtiġilha tipprovdi jekk għandhiex tammetti xi prova sekondarja in sostituzzjoni ta' xi prova primarja u tkun għad trid tiddetermina jekk il-prosekuzzjoni intentax l-azzjoni penali fiż-żmien previst mil-liġi u jekk tkunx ippruvat il-ħtija tal-akkużat sal-grad previst mil-liġi penali u cioe` oltre d-dubbju raġjonevoli; u eventwalment, fid-dawl ta' dan kollu, tkun trid tiddeċiedi dwar il-ħtija o meno tal-appellant.

**27.** Ikunx hemm vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, għalhekk, jiddependi minn kif il-Qorti riferenti tittratta u tiddisponi mid-diversi kwistjonijiet u tappi proċesswali appena elenkati, fost oħrajn, li jistgħu jitqiegħdu quddiemha fil-kors tal-proċess u għalhekk ċertament il-fatt waħdu previst mill-appellant sabiex fuqu jsostni t-talba tiegħu għal riferenza lil din il-Qorti ma hux waħdu determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata li għalhekk hi għal kollox intempestiva u prematura u daqstant intempestiva u prematura hi r-referenza tal-Qorti referenti.

**28.** L-ewwel aggravju tal-appellant qiegħed għalhekk jiġi respint ukoll.

**Decide**

Għaldaqstant, il-Qorti, fid-dawl tal-konsiderazzjonjiet premessi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż ta' dan l-appell għar-rikorrent appellant.

Billi hi tal-fehma li dan l-appell kien frivolu l-Qorti wara li rat paragrafu 10(1) tat-Tariffa A mehmuża mal-Kap. 12 tikkundanna lill-appellant iħallas spejjeż addizzjonali ta' €585.

Il-Qorti tordna li kwalunkwe atti tal-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti riferenti u cioe` tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura jintbagħtu lura lill-istess Qorti għall-kontinwazzjoni skont il-liġi konformement ma' dak hawn deċiz u tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza flimkien mas-sentenza tal-prim' istanza jiġu inseriti fil-proċess tal-proċeduri kriminali msemmija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------